MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2440/2003

**Alexander Camilleri**

**Vs**

**Jeffrey Montebello**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta Dicembru 2003 fejn l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) rapprezentanti hlas dovut ghall-appogg esercitat minnu mal-hajt divizorju mibni mill-attur skond rapport mahrug mill-Perit David Camilleri (Dok A);

Bl-ispejjes kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fid-29 ta Jannar 2004 fejn ikkontesta it-talba ghall-hlas stante li allega li ma ghandu jtih xejn kif ser jirrizulta fil-process;

Ra l-provi prodotti fosthom l-affidavit tal-Perit David Camilleri li rega' pprezenta l-istima tieghu u site plan, ix-xhieda tal-attur u r-ritratt minnu esebit u l-affidavit tal-konvenut;

Ra n-nota ta' referenzi taz-zewg nahat;

Ra b'mod partikolari l-verbal tas-seduta ta' nhar it-12 ta Jannar 2005 fejn id-difensuri rispettivi qabblu fuq l-elementi fattwali u llimitaw il-kontestazzjoni ta' bejniethom purament fuq il-kwistjoni jekk it-tqeghid ta' membrane mill-konvenut li mess ukoll il-hajt mtella' mill-attur jikkostitwixxi appogg o meno ghall-finijiet tal-ligi;

Ikkunsidra:

Illi ghalkemm huwa tajjeb li z-zewg nahat qed jaqblu fuq il-punt preciz ta' kontestazzjoni bejniethom, huwa mportanti pero' li xorta wahda jigu rilevati diversi punti ta' fatt ukoll;

Irrizulta li l-kaz in ezami ma jitrattax sitwazzjoni ta; hajt wiehed divizorju li qed jifred iz-zewg proprjetajiet rispettivi izda si tratta ta; fatt li kull naha ikkostruwiet hajt fuq il-proprjeta' rispettiva tieghu. Difatti l-istess attur ighid li meta l-awturi tal-konvenut bnew qoxra ghalihom bl-ebda mod ma kienu messew jew strahu fuq il-hajt tieghu. Kien biss meta l-konvenut ghamel strixxa membrane biex jaghlaq il-hajt tieghu ma' tieghi li l-attur beda jippretendi dritt ta' appogg liema strixxa tidher fuq ir-ritratt esebit markat Dok AC 1. Il-konvenut jispjega li dan il-membrane ghamlu semplicement biex ma jidholx ilma bejn l-ispazju taz-zewg hitan u mhux biex jappoggja mieghu. Jissokta jghid li l-membrane fil-fatt ghandu l-iskop ukoll li jipprotegi l-istess hajt tal-attur innifsu;

Illi huwa ben ritenut fil-gurisprudenza Maltija, nkluz fis-sentenza kwotata mill-istess attur illi huwa ferm importanti fil-kostatazzjoni xi jwassal ghal stat ta' appogg o meno mhux biss l-element fisiku materjali esegwit mill-parti l-ohra izda wkoll l-element intenzjonali u cioe' tkun trid issir indagini fuq jekk il-vicin kellux l-intenzjoni li jakkwista dik il-komunjoni. Tali ndagini tassumi certu mportanza fil-kaz in

ezami in vista tal-fatt li hawn si tratta ta' kaz fejn il-vicin kellu qoxra ghalih u mhux ghamel xi xoghol fuq hajt wiehed uniku divizorju bejn iz-zewg proprjetajiet rispettivi;

Illi kif gia ntqal hawn fuq ghandu jigi valutat ukoll jekk il-fatt li l-vicin ghaqqad iz-zewg hitan rispettivi bi strixxa membrane, esercizzju li kien u qed jibbenefika minnu z-zewg nahat jammontax ghall-appogg o meno;

Fil-kawza Angolina Attard vs Bartholomeo Camilleri deciza mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-13 ta' Ottubru 1998, gie trattat u deciz precizament dan il-punt. F'dik il-kawza kien hemm sitwazzjoni fejn il-vicin ma kienx bena hajt ma' dak tal-attrici izda kien semplicement saqqaf l-ispazju bejn iz-zewg hitan. Il-Qorti tal-Appell kienet waslet ghal konkluzjoni illi "….taht ebda cirkostanza ma' jista jinghad illi bil-fatt illi ssaqqaf l-ispazju bejn iz-zewg hitan b'daqshekk gara illi gie pprattikat xi appogg fis-sens tal-ligi….."

Illi fil-kaz in ezami l-konvenut ma ghamel xejn anqas u xejn aktar minn dak li kien gie esercitat mill-konvenut fil-kawza precitata fejn il-Qorti tal-Appell cahdet it-talba attrici;

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut u kwindi jichad it-talba attrici stante li ma jirrizultax li l-agir tal-konvenut jammonta ghal xi appogg fis-sens tal-Ligi.

In vista tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u kif ukoll peress li ma saret ebda riserva fuq l-ispejjez minn-naha tal-konvenut fir-risposta tieghu, qed jigi deciz li l-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------